MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2004

Rikors Numru. 10/2004/1

**Paul Camilleri**

**Vs**

**(1) Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**(2) Avukat Generali tar-Repubblika**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Paul Camilleri fejn gie premess :-

Illi r-rikorrent kien tressaq il-Qorti fis-seduta tal-VAT nhar it-3 ta' April, 2001 u dana ghaliex huwa ma kinx ottempora

ruhu mal-ligi tal-VAT stante illi ma kinx baghat il-formola tal-VAT hekk kif stipulat fil-ligi relattiva. Huwa fil-fatt kien instab hati u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor S. Demicoli kienet sabitu hati kif ukoll ikundannatu li jhallas multa bhala piena, kif ukoll penali (multa) ta' sitt liri Maltin (Lm6) jekk huwa fil-fatt ma jottemporax ruhu u jibqa' ma jibghatx il-formoli tal-VAT in kwistjoni fi zmien xahrejn wara d-data tal-imsemmija sentenza (dan in sintesi huwa l-kliem uzat fis-sentenza tal-Qorti);

Illi sussegwentement u fis-16 ta' Jannar, 2003 ir-rikorrent rega' ingieb quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. S. Demicoli akkuzat li ma ottemporax ruhu fi zmien xahrejn hekk kif tordna s-sentenza datata 3 t'April, 2001 (dan in sintezi huwa dak li tghid l-akkuza kontra r-rikorrent) u fil-fatt gie ikkundannat ihallas penali ta' elfejn mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm2196) u dana bhala penali (multa) ta' sitt liri Maltin (Lm6) ghal kull jum li huwa ma ottemporax ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif hawn fuq spjegat u dana bejn l-4 ta' Gunju, 2001 u l-4 ta' Gunju, 2002;

Illi r-rikorrenti baqa ma hallasx din il-penali u permezz ta' digriet ta' din l-istess Qorti datat 13 ta' Frar, 2004 din il-penali ta' Lm2196 giet ikkonvertita fi prigunerija ta' sitt xhur u r-rikorrent beda jiskonta tali perjodu ta' prigunerija nhar l-4 ta' Marzu, 2004 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin;

Illi rikorrent jibda sabiex jaghmel riferenza ghall-Artikolu 29 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla l-procedura f'kaz li multa jew ammenda ma tithallasx. Din id-disposizzjoni tal-ligi issemmi illi f'kaz ta' ammenda din tigi ikkonvertita f'detenzjoni u f'kaz ta' multa din tigi ikkonvertita fi prigunerija. L-ammont ta' detenzjoni jew prigunerija li wiehed ghandu jiskonta huwa stabbilit fl-istess Kodici Kriminali izda dan huwa estraneu u irrilevanti ghall-kaz in esami u ghalhekk m'hux se jidhol fiha;

Illi r-rikorrent jaghmel riferenza ghall-ligi tal-VAT li a bazi taghha huwa wehel l-imsemmija multa (Ara l-Artikolu 76

tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta). Minn hawnhekk johrog bic-car illi apparti illi l-imputat li jingieb quddiem il-Qorti jekk jikser l-Artikolu 76 © (bhal fil-kaz odjern) jehel meta tingieb quddiem dik il-Qorti jekk tinsab il-htija multa ta' m'hux anqas minn mitt lira Maltin (Lm100) u m'hux aktar minn tlett mitt lira Maltin (Lm300). Dik hija l-piena ghar-reat hekk kif stabbilit f'dik id-disposizzjoni;

Din id-disposizzjoni tal-ligi izda ma tieqafx hawnhekk. Din tkompli tipprovdi illi l-prosekuzzjoni ghandha d-dritt illi titlob lill-Qorti li taghti terminu lill-imputat halli jikkonforma ruhu mal-ligi liema zmien m'ghandux fi kwalunkwe kaz ikun aktar minn tlett xhur u fin-nuqqas min ikun ghamel ir-reat ikollu jhallas multa ohra ta' m'hux anqas minn zewg liri Maltin (Lm2) u m'hux aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum ghal kull perjodu ta' zmien li jkun ghadda wara z-zmien li l-Qorti tkun akkordat halli l-imputat jottempora ruhu mal-ligi;
Illi l-esponent jirrileva illi din is-somma li tiddekorri u tizdied kuljum m'hix multa izda pernali. Multa tinghata minn qorti bhala piena ("conviction") u m'hux bhala somma li tiddekorri kuljum f'kaz li l-imputat ma jottermporax ruhu mal-ligi. Fil-fatt meta l-imputat wara li jkun instab hati ghar-reat li huwa jkun ikkommetta u jinghata l-multa hekk kif ikkontemplata mill-ligi huwa jerga' jittellgha l-Qorti u l-Qorti taghmel ezercizzju aritmetiku halli tasal ghas-somma li huwa jrid ihallas;

Illi l-esponent jissottometti illi ghalkemm l-Artikolu 76 hawn fuq indikat jitkellem car u cioe' jitkellem dwar "multa" kemm fit-test Malti u fit-test Ingliz tieghu, jidher bic-car illi s-somma li tigi akkordata mill-Qorti wara li imputat ikun gja' instab hati tar-reat imsemmi fl-Artikolu 76 li bih huwa jkun gie akkuzat hija fin-natura taghha "penali" u m'hux "multa" u ghalhekk ma tistax tigi ikkonvertita fi prigunerija ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kodici Kriminali izda ghandha tigi trattata bhala dejn civili;

Illi l-esponent jiccara illi l-imputat wara li jkun gja' instab hati u wara li inghata l-piena tieghu m'hux qed jigi akkuzat b'reat separat. Ghalhekk kif huwa jista' jehel multa separata u fuq multa ohra li huwa jkun gja' inghata bhala

piena jekk huwa m'hux qed jigi mressaq quddiem il-Qorti b'reat iehor? Dan ikompli jsahhah l-argument illi din is-somma ulterjuri li tigi ikkomputata wara li l-imputat ikun gja' ha l-piena tieghu ma tistax tigi ikkonsidrata bhala "multa" cioe' htija ohra izda bhala penali;

Illi r-rikorrent jirrileva illi l-procedura hekk kif adoperata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali tkompli tikkonferma illi l-istess Qorti titratta din is-somma ulterjuri li tigi inflitta bhala penali u m'hux multa u dana stante illi l-Qorti gja' semmiet illi r-rikorrent jehel somma kuljum jekk ma jottemporax ruhu fis-sentenza taghha ta' nhar it-3 t'April, 2001. Ghalhekk meta r-rikorrent rega' ittellgha t-tieni darba u cioe' fis-16 ta' Jannar, 2003 li ghamlet il-Qorti kien biss esercizzju aritmetiku li hadmet is-somma bis-Lm6 kuljum ghall-perjodu indikat u waslet ghas-somma ta' Lm2196;

Anke jekk wiehed janalizza kif inghatat it-tieni akkuza tieghu din tirreferi interament ghall-ewwel sentenza ta' nhar it-3 t'April, 2001. Ghalhekk l-istess Qorti ma ittrattatx it-tieni akkuza bhala differenti mill-ewwel wahda u t-tieni darba li deher il-Qorti r-rikorrent deher biss halli tinhadem din is-somma u ghal xejn aktar. Mil-mod kif sehhew l-affarijiet u mill-mod kif agixxiet il-Qorti jirrizulta bic-car illi anke hija stess tittratta din is-somma bhala penali u m'hux xi piena ghal xi reat isseparat li ghaliha wiehed jista' jehel multa;

Illi r-rikorrenti jirrileva li huwa hawnhekk li hawn ksur car tad-drittijiet umani u fundamentali tieghu ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem stante illi din il-penali qatt ma setghet tissarraf fi prigunerija izda kellha dejjem titqies ai fini u effetti kollha tal-ligi bhala "dejn civili" ghal liema "dejn civili" ma tezistix illum is-sanzjoni tal-prigunerija izda l-intimat Kummissarju tal-VAT kellu l-ghodda li jaghtih il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta halli jesegwixxi dawk il-mandati esekuttivi li huwa jhoss li huma xierqa w opportuni halli jigbor il-penali li tmiss lilu u qatt ma seta' jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali halli jaghmel dan;

Illi ghalhekk ir-rikorrent jissottometti illi gie les id-dritt tieghu ghal smigh xieraq u li jigi immultat darba ghal reat wiehed partikolari li tieghu instab hati liema dritt tieghu huwa protett ai termini ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi r-rikorrent jirrileva illi huwa minnu illi jekk wiehed jara t-test tal-ligi kemm fil-lingwa Maltija, kif ukoll fil-lingwa Ingliza u komodament jiehdu ‘ad litteram’ wiehed malajr jikkonkludi li din is-somma ulterjuri li tigi imposta fuq l-imputat hija ‘multa’ u m’hux ‘penali’, izda meta wiehed jesamina x’inhu r-‘ratio legis’ warajha u c-cirkostanzi li fihom tigi imposta din is-somma m’hemmx dubbju li wiehed jasal ghall-konkluzjoni legali li din min-natura taghha hija penali u ghalhekk ghandha tigi ittrattata bhala “dejn civili” hekk kif del resto wiehed isib f’diversi ligijiet lokali;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti fil-Kompetenza Kostituzzjonali taghha joghgobha:

1. tiddikjara illi gew lesi d-drittijiet umani u fundamentali tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 39 kemm tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem u dana billi b’digriet jew sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor S. Demicoli datata 13 ta’ Frar, 2004 din il-penali ta’ Lm2196 giet ikkonvertita fi prigunerija ta’ sitt xhur u minhabba f’hekk ir-rikorrent beda jiskonta tali perjodu ta’ prigunerija nhar l-4 ta’ Marzu, 2004 fil-Facilita’ Korettiva ta’ Kordin; u

2. taghtih dawk ir-rimedji li fid-diskrezzjni wiesgha taghha hija thoss li huma xierqa u opportuni, inkluz u b’mod partikolari illi tordna l-waqfien b’mod immedjat milli r-rikorrent jkompli jiskonta l-piena karcerarja tieghu fi hdan il-Facilita Korrettiva ta’ Kordin;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Avukat Generali tar-Repubblika fejn gie sottomess :-

Illi huwa jopponi ghat-talbiet tar-rikorrent ghar-ragunijet segwenti:

a) Preliminarjament, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'huwiex il-legittimu kontraddittur ghar-rikors prezenti stante li bl-ebda mod m'ghandu x'jaqsam mal-fatt li dwaru jilmenta r-rikorrent peress li il-konverzjoni tal-multa fi prigunerija saret amministrattivament b'operazzjoni tal-ligi stess mir-Registratur tal-Qorti li wahda kien ikun sufficjenti bhala legittimu kontradittur fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 u ghalhekk ukoll l-esponenti Avukat Generali gie mharrek inutilment u ghandu jigi immedjatament mehlus mill-osservanza ta' dawn il-proceduri;

b) In linea wkoll preliminari, it-talbiet tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji ghaliex il-fatti premessi fir-rikors b'ebda mod ma jwasslu jew jistghu iwasslu ghal xi ksur ta' xi dritt fondamentali sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif allegat fir-rikors. L-argument kollu tar-rikorrent jimpenja ruhu fuq is-sofizmu kostruwit minnu u ghalkemm il-ligi taghmilha cara li l-penali in kwistjoni hi multa r-rikorrent irid jinsisti kontra l-iswed fuq l-abjad li l-multa in kwistjoni ma hix multa izda hi penali;

c) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa indikat li din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita il-mansjoni kostituzzjonali u taht il-Kap 319 fit-termini tal-artikoli 46(2) u 4(2) rispettivament peress illi r-rikorrent kellu u ghad ghandu mezzi ordinarji ta' rimedju disponibbli ghalih konsistenti f'dan li gej:

(i) rikors lill-Qorti tal-Magistrati biex tigi impunjata il-konvertibilita' tal-multa imposta mill-istess Qorti;

(ii) azzjoni civili dwar l-allegata illegalita' ta' l-att amministrattiv li bih giet konvertita fi prigunerija il-multa in kwistjoni;

(d) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrent ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm ebda hjiel ta' xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif allegat mir-rikorrent. Anki kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed kellu jaqbel ma' dak kollu premess mir-rikorrent minn mkien ma jirrizulta li d-drittijiet processwali tieghu fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu ma gewx pienament rispettati. Inoltre ma hemm xejn straordinarju fil-fatt li persuna tehel ghall-piena ta' aktar minn multa wahda. Ghalkemm ir-rikorrent gie kkundannat ghal zewg multi separati f'zewg okkazzjonijiet il-fatt jibqa' li dawn il-kundanni inghataw ghal fatti u reati distinti. Ir-rikorrent l-ewwel naqas milli jipprezenta d-denunzja li trid il-ligi fiz-zmien previst mill-ligi u wara rega naqas milli jikkonforma ruhu mal-ligi kif ordnat lilu mill-Qorti fiz-zmien prefiss mill-Qorti. Fuq il-giuoco di parole totalment fittizju dwar penali u multa meta l-ligi b'mod aktar esplicitu titkellem fuq multa ma jidhirx li hemm ghalfejn l-esponenti jiddilunga ruhu fuqu;

Ghaldaqstant u ghal ragunijiet ohra li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-kawza it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2004 minn fejn jirrizulta li l-intimat Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud iddikjara li huwa jaderixxi mar-risposta tal-intimat Avukat Generali liema risposta ghalhekk ghandha titqies li hija tieghu ukoll;

Rat l-istess verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2004 minn fejn jirrizulta li l-intimati ddikjaraw li huma jaqblu mal-fatti kif elenkati fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha l-ohra tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra r-rikorenti li huma annessi u li huma l-mertu ta' dan ir-rikors;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2004;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota responsiva tal-intimati;

Ikkonsidrat:

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u cioe' li l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud m'hux il-legittimu kontraddittur ghandu jinghad li l-istess intimat kien parti essenzjali fil-proceduri in kwestjoni f'din il-kawza. In effett jirrizulta li dawk l-istess proceduri gew inizjati fuq it-talba tal-istess intimat u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-istess iuntimat mhux il-legittimu kontradittur. Dak li qed jilmenta dwaru r-rikorrenti f'dawn il-proceduri sehh appuntu f'dawk il-proceduri penali li ttiehdu fuq talba tal-istess intimat u ghalhekk zgur li l-istess intimat hu l-legittimu kontradittur. Lanqas ma jista jinghad li l-intimat l-iehor l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u dana skond il-provedimenti tal-artikolu 181B(2) tal-Kap.12. Hawnhekk si tratta ta' esami ta' atti tal-Qorti u ghalhekk zgur li m'ghandux jirrrispondi id-Direttur tal-Qorti;

Il-Qorti ma thossx li jista jinghad li li t-talbiet tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji. Lanqas ma ghandhom japplikaw il-provedimenti tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Hawnhekk si tratta ta' allegazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem u l-Qorti thoss li fil-konfront ta' tali allegazzjonijiet il-provedimenti in kwestjoni ghandhom jigu applikati bl-aktar mod ristrett. Il-Qorti lanqas ma hi daqstant sodisfatta li r-rikorrenti kellu mezzi ohra legali li seta jesawrixxi qabel ma istitwixxa dawn il-proceduri. Ghandu jinghad li l-provedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jhallu diskrezzjoni f'idejn il-Qorti li ghalhekk, f'kull kaz, tista tesamina l-ilmenti tar-rikorrenti anke jekk x'aktarx ir-rikorrenti ma jkunx esawrixxa ir-rimedji koillha li ttih il-ligi;

Fil-meritu ghandu jinghad li fir-rikors promotur ir-rikorrenti jghamel referenza ghal proceduri penali li ttiehdu fil-konfront tieghu in konnessjoni ma akkuzi li huwa ma kienx

ottempera ruhu mal-ligi tal-VAT stante illi ma kienx baghat il-formola  relattiva u dana kif trid il-ligi;

L-intimati, permezz tal-verbal tas-seduta tas-6 ta’ April 2004, iddikjaraw li jaqblu mal-fatti kif elenkati mir-rikorenti fir-rikors promotur. Ghalhekk sostanzjalment hemm qbil dwar dawn il-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti;

Jirrizulta li b’sentenza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Magistrat Dottor Saviour Demicoli) tat-3 ta’ April, 2001 ir-rikorrenti kien instab hati tal-imsemmija akkuzi u gie kundannat jhallas multa, kif ukoll ihallas penali (multa) ta’ sitt liri Maltin (Lm6) kull jum jekk huwa ma jottemporax ruhu u jibqa’ ma jibghatx il-formoli tal-VAT in kwistjoni fi zmien xahrejn wara d-data tal-imsemmija sentenza;

Sussegwentement, u precisement fis-16 ta’ Jannar 2003, ir-rikorrent gie akkuzat quddiem l-istess Qorti, li ma ottemperax ruhu skond kif ordnat fl-imsemmija sentenza tat-3 t’April, 2001. Ir-rikorrenti gie ikkundannat ihallas penali komplessiva ta’ elfejn mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm2196) a bazi ta’ sitt liri Maltin (Lm6) ghal kull jum li huwa ma ottemperax ruhu u dana ghaz-zmien bejn l-4 ta’ Gunju, 2001 u l-4 ta’ Gunju, 2002. Ir-rikorrenti ma hallasx din il-penali u b’digriet tal-istess Qorti bid-data tat-13 ta’ Frar, 2004 l-imsemmija penali giet ikkonvertita fi prigunerija ghal periodu ta’ sitt (6) xhur. Ir-rikorrent beda jiskonta tali perjodu ta' prigunerija fl-4 ta’ Marzu, 2004;

Skond ir-rikorrenti l-Artikolu 29 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi ghal konverzjoni minn multa ghall prigunerija f’kaz li l-multa ma tithallax, mhux applikabbli ghal dan il-kaz. Ir-rikorrenti fl-ewwel sentenza instab hati skond l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligigijiet ta’ Malta (il-ligi tal-VAT). Dawn il-provedimenti jistipulaw li ghandu ikun hemm piena ta’ multa u cioe’ minimu mitt lira Maltin (Lm100) u massimu tlett mitt lira Maltin (Lm300) u inoltre l-Qorti tista tipprefiggi terminu lill-imputat sabiex huwa jikkonforma mal-ligi u fin-nuqqas il-Qorti tista timponi multa ulterjuri ta’ mhux anqas minn zewg liri Maltin (Lm2) u mhux aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum;

Ir-rikorrenti jsostni li din tal-ahhar, cioe' l-multa ulterjuri, m'ghandiex titqies bhala "multa" izda bhala penali. Dejjem skond ir-rikorrenti multa m'ghandiex tiehu l-forma ta' somma li tiddekorri tant kuljum. Tant hu hekk li r-rikorrenti kellu jerga jingieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tigi kalkolata din il-multa ulterjuri. Skond ir-rikorrenti hawnhekk il-Qorti tghamel biss kalkolu aritmetiku;

Ir-rikorrenti, inoltre jargumenta li nonostante li l-artikolu in kwestjoni jiddeskrivi din il-piena ulterjruri bhala "multa", izda din fin-natura taghha hi "penali" u konsegwentement ma tistax tigi ikkonvertita fi prigunerija u ghandha tigi trattata bhala dejn civili;

L-artikolu in kwestjoni cioe' l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla reat wiehed u mhux tnejn separati u distinti. Pero' ma hemm xejn kontra d-drittijiet fundamentali tal-individwu li ghar-reat wiehed jistghu jigu imposti jew inflitti varji pieni. Il-Kodici Kriminali tghana u mimli b'reati li ghar-rigward taghhom tista tigi imposta jew il-multa jew prigunerija jew it-tnejn;

Ma hemm xejn straordinarju jew irregolari li ghall-istess reat il-ligi timponi multa kif ukoll multa ulterjuri f'kaz li l-imputat ma jottemperx ruhu fiz-zmien li tghatih il-Qorti. Fil-kaz in esami l-ligi tispecifika li din il-piena ulterjuri hi in effett "multa". Meta l-ligi titkellem b'mod l-aktar car, bhal fil-kaz in esami, ma tistax tinghata interpretazzjoni ohra minn dik li trid il-ligi u ghalhekk mhux il-kaz li wiehed jidhol fil-fatti speci u fin-natura tal-haga;

Lanqas ma hemm ghalfejn li jkun hemm zewg reati separati u distinti sabiex tkun tista tigi imposta multa ulterjuri bhal fil-kaz in esami;

Ir-rikorrenti jsostni li huwa qatt ma gie akkuzat b'reat iehor u ghalhekk ma setax jigi kundannat multa ulterjuri stante li huwa kien gia nghata l-piena. Fl-ewwel sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati segwit il-ligi u imponiet multa u multa ulterjuri f'kaz li ir-rikorrenti ma jottemperax ruhhu. Ghalhekk ma jistax jinghad li f'dan il-kaz ir-rikorrenti gie

processat darbtejn ghall-istess reat. Meta r-rikorrenti tresssaq quddiem il-Qorti wara l-ewwel sentenza kien sabiex l-istess Qorti setghet tistabilixxi li huwa baqa inadempjenti u sabiex tigi kalkolata l-multa ulterjuri a bazi tal-ewwel sentenza. Ghalhekk din il-Qorti ma tifhimx is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti rigardanti in-'ne bis in idem' u 'nullum crimen, nulla poena sine lege'. Hawnhekk ma kinitx kwestjoni li r-rikorrenti gie akkuzat bl-istess reat darbtejn jew aktar minn darba. It-tieni penali hi parti mill-piena konsidrata mill-ligi ghal reat in kwstjoni;

Ir-rikorrenti jargumenta ukoll li l-procedura stess li segwit il-Qorti tal-Magistrati tindika li l-multa ulterjuri li giet inflitta hi fil-fatt penali u m'hux multa. Li gara hu li fl-ewwel sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati applikat il-ligi u infliggiet il-piena li trid il-ligi u cioe multa u multa ulterjuri kemm il-darba ir-rikorrenti jibqa ma jottemperax ruhu mal-ligi. Meta r-rikorrenti deher it-tieni darba gie stabbilit l-ammont tal-multa ulterjuri li kellha tithallas. Sussegwentement peress li din il-multa ulterjuri r-rikorrenti baqa ma hallasix din l-istess multa giet konvertita fi zmien ta prigunerija kif trid il-ligi. Il-Qorti tal-Magistrati tidher li agixxiet skond il-ligi. Ma jistax jinghad li meta l-multa giet konvertita fi prigunerija dan sar permezz ta' att amministrattiv. It-talba relattiva tidher li saret regolarment u konsegwentement ai termini tal-ligi l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-konversjoni;

Il-ligi stess tghid li l-piena ulterjuri hi multa u ghalhekk ma hemm xejn kontra l-ligi li din tigi konvertita f'tant zmien prigunerija. Il-fatt li l-multa trid tigi komputata fi stadji differenti ma jbiddilx in-natura taghha ta' multa. Semplicement minhabba dan il-fatt zgur li ma jistax jinghad li din il-multa ulterjuri hi semplicement dejn civili;

Ghalhekk fid-dawl ta dan kollu ma jistax jinghad li jirrizulta fil-konfront tar-rikorrenti xi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u b'mod partikolari id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.. Dawn l-artikoli bl-ebda mod

ma jinsancixxu li l-akkuzat ghandu jigi mmultat darba ghal reat wiehed partikolari u dan kif jippretendi r-rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet kollha tar-rikorrenti ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati u billi tilqa l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-istess intimati u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------